**28 ta' Lulju, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Il-Pulizija (Spettur Tony Borg)

*versus*

Maria Assunta Mangion

## Klieb

*L-artikolu tal-liġi li jiddisponi li jkun ħati ta' kontravvenzjoni kull min, b'xi mod jew ieħor mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi, jikser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku ma japplikax*

*għall-istorbju u l-inkonvenjent li talvolta jista' jiġi kkaġunat mill-inbieħ tal-klieb li jdejqu 'l-ġirien.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fit-28 ta' Jannar 1988 li biha fuq l-imputazzjoni miġjuba mill-pulizija kontra Maria Assunta Mangion talli f'*St. Mary Street,* Balzan fil-25 ta' Novembru 1987 għall-ħabta tat-8.30 p.m. dejqet lill-ġirien b'inbieħ ta' klieb; wara li semgħet il-provi inkluż l-imputata minn jeddha; sabet lill-imputata ħatja u wara li rat l-artikolu 388(dd) tal-Kap. 9 ikkundannatha għall-ammenda ta' Lm5.00;

Rat ir-rikors ta' l-Appell ta' l-imputata li permezz tiegħu talbet li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata, tiddikjaraha mhux ħatja u tilliberha min kull imputazzjoni u piena skond il-liġi;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Marzu 1988 quddiem din il-Qorti minn fejn jirriżulta li l-appellanti eċċepiet ukoll in-nullità tas-sentenza appellata peress li (a) fl-oriġinal tagħha ma hemmx imsemmi l-artikolu tal-liġi li fuqha nstabet ħatja u dan bi ksur ta' l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali u (b) peress li fil-kopja dattilografata hemm indikat l-artikolu 388 li ma għandu x'jaqsam xejn mal-każ;

Rat l-atti kollha tal-kawża li huma rilevanti;

Semgħet il-provi;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi effettivament l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata tidher fondata u dan billi mill-oriġinali ma jidhirx illi tnizzel l-artikolu illi fuqu nstabet ħatja l-imputata u fil-kopja legali tas-sentenza appellata mgħoddija lil din il-Qorti hemm iċċitat l-artikolu 388(dd) tal-Kodiċi Kriminali li effettivament ma għandu x'jaqsam xejn ma' l-akkuża li ġiet dedotta kontra tagħha u li fuqha nstabet ħatja;

Għalhekk fl-ewwel lok din il-Qorti qiegħda tannulla s-sentenza appellata fit-terminu tal-liġi u wara li għaddiet biex tisma' l-provi sejra tgħaddi issa hi għas-sentenza tagħha;

Jidher mis-sentenza appellata u anke miċ-ċitazzjoni kif ikkonċepita l-akkuża miġjuba kontra l-imputata kienet qed tiġi bbażata *fuq* l-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9);

Dan l-artikolu jiddisponi li jkun ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubblika kull min b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi jikser volontarjament il-buon ordni jew kwiet pubbliku;

Issa hu ovvju illi jekk huma l-klieb li qegħdin jinbħu u li *qegħdin idejqu lill-ġirien dan l-artikolu huwa kompletament* inapplikabbli għall-każ kif din il-Qorti diġà f'okkażjonijiet preċedenti kellha l-opportunità illi tispjega. Ara f'dan ir-rigward is-sentenza tal-Qorti tal-5 ta' Lulju 1982, **Il-Pulizija *vs* Carmelo Mizzi** u s-sentenza l-oħra tagħha tal-21 ta' Ottubru 1976, ukoll fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Carmelo Mizzi.** Inoltre jistgħu jiġu ċċitati wkoll żewġ sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti kif komposta u ċjoè dik tat-28 ta' Marzu 1983, **Il-Pulizija *vs* Alfred**

**Xuereb** u l-oħra tas-27 ta' Settembru 1983 **Il-Pulizija *vs* Salvatore *sive* Sunny Galea.** F'dawn is-sentenzi li għalihom qed issir riferenza din il-Qorti kienet irrelevat u spjegat kif u għaliex l-artikolu 338(dd) u bħalu l-artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali ma jistgħux jiġu invokati f'inċidenti u f'każijiet simili li għalihom hemm l-artikoli oħra tal-liġi li jistgħu jiġu invokati. F'dan il-każ, issa, trattandosi ta' appell, f'liema stadju hu saput illi l-akkuża ma tistax tiġi mibdula f'akkuża oħra, din il-Qorti ma għandhiex alternattiva ħlief illi anke assumendo li l-klieb kienu qegħdin jiddisturbaw lill-ġirien, tillibera l-akkużata appellanti peress illi l-fatt allegat ma jikkostitwix id-delitt imputat. Għal dawn il-motivi prevja kif ingħad id-dikjarazzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, tiddisponi mill-appell interpost, billi tilqa' l-istess, konsegwentement issib lill-imputata mhix ħatja u tilliberaha minn kull imputazzjoni u piena.